**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 733/97

John Formosa

vs

Chairman Telemalta Corporation u b' digriet tat-23 ta' Settembru 1999 Maltacom p.l.c. bhala successur tal-istess

Illum 27 ta' Novembru, 2001.

It-Tribunal,

**PROVI:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' 1987 huwa sofra ingustizzja f'li ma nghatax il-promozzjoni ghall-grad ta' AA jew ta' AO.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor kif gej:-

Illi huwa kien ilu jahdem mal-Korporazzjoni Telemalta minn 1974 u qabel kien impjegat tal-Cable & Wireless. Illi huwa kien ilu fil-grad ta' EO mill-1986. Illi huwa kemm dam jahdem mal-korporazzjoni dejjem ghamel ix-xoghol tieghu bl-akbar abilita' u efficjenza. Illi huwa kien inkarigat mis-sezzjoni ta' ilmenti dwar il-kontijiet ta' overseas calls bl-operator. Illi din hija sezzjoni delikata u trid li ssir ix-xoghol isir bl-attenzjoni kbira. Din kienet tinvolvi kemm ilmenti personali kif ukoll bil-korrispondenza.

Illi fil-1987 kienet harget applikazzjoni ghall-mili ta' postijiet fil-gradi ta' AA jew AO. Illi huwa kien applika u kien mitlub biex jattendi ghall-interview. Illi waqt l-interview huwa rrisponda d-domandi kollha li sarulu tajjeb. Illi ghalkemm huwa hass illi huwa ghandu l-esperjenza u s-servizz daqs dawk li saru jew aktar minnhom, il-promozzjoni ghall-grad ta' AA jew AO ma inghatatlux. Illi huwa hass li saret ingustizzja mieghu ukoll minhabba l-fatt li huwa kien kapaci aktar minn uhud li hadu l-promozzjoni sahansitra kien hemm anke haddiema li kellhom grad anqas minnu u hadu l-promozzjoni.

Illi huwa kien bi hsiebu jgib biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda murija fl-elenku anness li jindika ghar-rigward ta' kull xhud dawk il-fatti li r-rikorrent kien bi hsiebu jgib prova dwarhom bix-xhieda tieghu.

Ghaldaqstant, ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma' u jiddeciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta' l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi

ordnat illi ssir gustizzja mieghu u jinghata l-promozzjoni ghall-grad ta' AA jew AO mid-data msemmija aktar fuq, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata, li jigi ordnat li jithallas kumpens f'ammont ta' mhux aktar minn Lm5000 jew kif tiddeciedi l-Qorti.

Ra l-lista tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-korporazzjoni intimata li eccepiet:

1. Illi l-korporazzjoni cahdet li ghamlet xi ingustizzja b'rizultat ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita mar-rikorrent jew li cahditu minn promozzjoni li kien haqqu.

2. Illi s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghall-gradi ta' Administrative Officer u Administrative Assistant kienet harget fit-23 ta' Gunju 1989. Ir-rikorrent kien applika ghaz-zewg gradi pero' ma kkwalifikax u ghalhekk ma setax jintaghzel.

3. Illi fil-kaz tal-grad ta' Administrative Officer minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 38 marka. Dawn kienu mqassmin hekk: 10 minn 10 marki ghas-snin ta' servizz; 10 minn 25 marka ta' l-esperjenza; ebda marka minn 25 marka ghal kwalifiki; 8 minn 20 marka ghal personalita'/sezzjoni prezenti; 6 minn 10 marki ghall-sezzjonijiet ohra u 4 minn 10 marki ghal taghrif generali.

4. Illi fil-kaz tal-grad ta' Administrative Assistant minn massimu ta' 100 marka r-rikorrent gab 48 marka. Dawn kienu mqassmin

hekk: 10 minn 10 marki ghas-snin ta' servizz; 20 minn 25 marka ta' l-esperjenza; ebda marka minn 25 marka ghal kwalifiki; 8 minn 20 marka ghall-personalita'/sezzjoni prezenti; 6 minn 10 marki ghal sezzjonijiet ohra u 4 minn 10 marki ghal taghrif generali.

5. Illi dwar l-allegazzjoni li impjegati ohra b'anqas esperjenza u servizz inghataw il-promozzjoni apparti l-fatt li dawn ma kienux l-unici kriterji ta' l-ghazla r-rikorrent irid jipprova l-allegazzjonijiet tieghu u l-korporazzjoni rriservat li twiegeb ghal dawn l-allegazzjonijiet meta jigu specifikati ahjar.

6. Ghaldaqstant il-korporazzjoni talbet li dan it-tribunal joghgbu jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjez kontra tieghu.

Ra l-lista tax-xhieda tal-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' lix-xhieda bil-gurament.

Sema' l-abili difensuri.

**PROVI:**

Ikklunsidra

Illi John Formosa pprezenta affidavit [fol 13-16] u fih semma l-marki li nghata ghaz-zewg applikazzjonijiet, b' total ta' 38 ghal A.O. 48 ghal A.A.

| Ghal | Administrative Officer | Administrstive Assistant |
|---|---|---|
| Years of Service | 10 | 10 |
| Experience | 10 | 20 |
| Qualifications | 0 | 0 |
| Present Section/Personality | 8 | 8 |
| Other Section | 6 | 6 |
| General Knowledge | 4 | 4 |
| Total | 38 | 48 |

Semma li John Stanicic u John Demicoli li kienu ghamluhom Clerks qabel il-promozzjonijiet u dawn biex ikunu jistghu jikkwalifikaw ghal A.A. Huwa kkompara l-esperjenza tieghu ma' ta' dawn it-tnejn u qal li tieghu kienet tisboq bil-bosta aktar minn ta' dawn. Ilmenta mill-marki li ottjena fil-kriterji l-ohra, kemm ghall-Esperjenza, Personalita`, Sezzjonijiet Ohra u Taghrif Generali. Qal ukoll li l-ingustizzja li sofra kellha konsegwenzi kemm fuq il-paga tieghu kif ukoll fil-penzjoni.

In kontro-ezami John Formosa semma li hu kien f' diversi sezzjonijiet fosthom il-Local Billing, Contestation Section, sezzjoni tal-Filing li ma ftakarx isimha waqt li John Demicoli kien f' zewg sezzjonijiet biss. Hu qal li lahaq E.O. fl-1986 permezz tar-riforma u mbaghad lahaq Assistant Principal fl-1994 permezz tar-riforma u rtira f' Dicembru 1995.

Xehed Tony Lia Business Development Executive fil-Maltacom. Hu kien kollega tar-rikorrent ghal diversi snin, u ddeskriva lir-

rikorrent bhala efficjenti fuq xogholu, u meta kien ikun assenti hu, ghalkemm kien hemm xi hadd iehor fis-sezzjoni li kien senior tar-rikorrent, kien iqabbad lir-rikorrent biex ikun in charge mis-section.

Carmel Zammit Business Development Executive mal-Maltacom xehed li mill-1984 sal-1988 kien head tar-rikorrent. Hu qal li r-rikorrent dejjem qeda dmiru sewwa u meta kien head tieghu kienu jaqsmu x-xoghol flimkien. Kien hemm certu xoghol specjalizzat li kienu kontijiet up to date u dawn kien jiehu hsiebhom ir-rikorrent.

Xehed Ivan Calamatta li qal li bejn l-1987 u l-1995 hu kien head tar-rikorrent. Qal li r-rikorrent kien jiehu hsieb il-problemi tal-klijenti. Zied jghid li xogholu dejjem ghamlu u anke meta nghata affarijiet zejda hu qatt ma gerger. Ukoll meta kien ikun marid hadd ma kien jirriplejsjah. Semma lil John Demicoli u lil John Stanicic li qabzu lir-rikorrent fil-promozzjoni ghal A.O. u A.A.

David Buttigieg Executive Principal mal-Maltacom ipprezenta r-rapport tal-Bord tal-Ghazla bil-marki kollha li ottjenew il-kandidati skond l-order of merit.

Fuq talba tar-rikorrent it-Tribunal ordna l-allegazzjoni tal-process fl-ismijiet Aldo Briffa vs Telemalta Corporation (rikors numru 131/97). Dan it-Tribunal sejjer jirriproduci l-parti tas-sentenza relativa ghal dan il-kaz fejn hemm fil-qasir referenza ghax-xhieda moghtija f' dak il-kaz.

"Ikkunsidra li r-rikorrent ipprezenta affidavit li fih semma l-fatti esposti fir-rikors u zied li irrizulta li kienu saru numru kbir ta rregolaritajiet fl-ghoti tal-promozzjonijiet u li wasslu ghal certa ngustizzji. Illi kien hemm konfuzjoni fl-ghoti ta' dawn il-promozzjonijiet skond l-*Appeals' Commission,* mahtura mic-Chairman tal-Korporazzjoni stess biex tinvestiga l-appelli li jsiru dwar dawn il-promozzjonijiet. Sostna li l-Appeals' Commission ghamlitha cara li s-Selection Board mexa b'inkonsistenza kbira fl-ghoti ta' marki. Dan jidher f'paragrafu 6 tar-rapport u ikkwota *…Other cases of inconsistency, for example relate to one and the same employee being allotted two different rating for the same service with regard to his two applications for promotion to the next two higher grades.*
Ikkwota minn paragrafu 7 …*Nonetheless, the Commission has come across a number of instances where the holders of job related qualifications do not seem to have been awarded the points they deserved,* u wkoll paragrafu 12 sezzjoni C - *…On the basis of the cumulative effect of the evidence heard, the Commission is convinced that a number of candidates were under-marked with regard to job-related qualifications including academic qualification …*

Sostna li jirrizulta li hemm sitt kandidati li hadu l-promozzjoni u kellhom anqas kwalifiki akkademici minnu. Sahansitra hemm kaz minnhom ta' Raymond Farrugia (index 6347) li m'ghandu assolutament l-ebda kwalifiki akkademici. Hemm ukoll zewg dandidati li gew promossi li kellhom l-istess numru ta' kwalifiki li kellu hu. Zied li anomaliji ohrajn saru fl-ghoti tal-punteggi fuq kwalifiki akkademici fejn ir-rikorrent b'seba 'O' levels

inghata 18 il-punt u, Romano Romina b'sitt 'O' levels inghatat 20 punt, Zahra Audrey b'sitt 'O' levels inghatat 18 il-punt, u Zammit Rita b'sitt 'O' levels inghatat 21 punt. Ghalhekk meta mbaghad wiehed janalizza u jimxi skond il-punteggi kif mghotija ssib illi hu gab daqs u aktar marki fuq kwalifiki minn disa' kandidati li gew promossi.

Semma wkoll li Borg Simone (index 6423) li gabet biss 3 punti fuq kwalifiki ghal zewg 'O' levels biss hadet il-promozzjoni b'punteggi gholjin fuq '*experience' 'personality' 'other section' u 'general knowledge'.* Aktar gravi huwa l-kaz ta' s-Sur Raymond Farrugia (index 6347) li nghata l-promozzjoni minghajr m'ghandu ebda kwalifiki akkademici u fil-fatt ma nghata ebda punti fuq kwalifiki izda sorprendentament inghata punti strordinarji fuq *experience/present section'* inghata 18 il-marka minn 20 '*other sections'* inghata 8 marki minn 10 fejn dan kemm kien ilu t-Telemalta dejjem kien fl-istess sezzjoni jigifieri s-'Salaries and Wages' u ghal *'General Knowledge'* inghata 8 marki ohra minn 10… Semma li fis-sezzjoni li kien bilfors ikollok '*knowledge'* estensiv ta' sezzjonijiet ohra. Ghalhekk sostna li wiehed jistghageb kif dwar '*knowledge of other sections'* gie moghti biss 4 marki minn 10 fejn jikkontrasta hafna mall-kaz ta' Raymond Farrugia fejn inghata 8 marki minn 10, dan meta s-sezzjoni li kien fiha s-sur Farrugia (Salaries & Wages) assolutament ma ghandha ebda konnessjoni mal-funzjoni ta' sezzjonijiet ohra fit-Telemalta.

Zied li l-kriterji li mxew bihom il-Bord ta' l-ghazla huma sfaccatament ksur tal-ftehim kollettiv. Dan ghaliex l-istess ftehim kollettiv jistipula hu l-kriterji fuq kif ghandhom jinghataw il-punteggi (ara dokument nru. 6) u ikkwota minn artiklu 15 tal-ftehim kollettiv ***"In the making of promotions and/or in the filling of vacancies, the Corporation considers the requirements of the job and the merit qualifications,aptitude, experience and seniority of those being considered for promotion or the filling of vacancies'***… Kaz iehor fost il-hafna ta' ngustizzja sfaccata huwa l-kaz ta' Deborah Darmanin li skond il-lista tar-rizultati tal-promozzjonijiet gabet 56 marka…Dawn il-marki jammontaw ghal 54 u mhux 56, ghaldaqstant Deborah Darmanin zgur li qatt ma kellha tinghata l-promozzjoni.

Ra r-rapport tal-Kummissjoni ta' l-Appell imqabbda mill-Korporazzjoni stess biex tezamina xi promozzjonijiet. Ghamlet diversi kummenti ta' kritika u specjalment fil-paragrafu 6 fejn ikkritikat il-weightings differenti fl-allokazzjoni tal-marki, u l-inkonsistenza fl-ghoti tal-marki. Issemmi ukoll f'paragrafu 7 li "the holders of job related qualifications do not seem to have been awarded the points they deserved". Id-diversi kummenti fir-rapprt xejn ma huma inkoragganti u jirriflettu b'mod ikrah hafna fuq il-Bordijiet li irrakkomandaw il-hatriet. Dar-rapport kien sar mis-sinjuri E. W. Micallef, J de Gray, u C Farrugia.

Xehed Ivan Calamatta li semma li kien kap tat-taqsima fejn kien jahdem ir-rikorrent. Qal li fil-fehema tieghu r-rikorrent huwa bniedem habrieki hafna u kien jaghmel ix-xoghol b` hiltu kollha. "Skondu kien jimmerita l-promozzjoni. Ghandi nghid li fis-sezzjoni fejn kien hemm zewg assistant principals li hu kien jaghmel xoghol bhalhom u kien jaghmlu tajjeb daqshom. Nghid li s-sezzjoni mhux xi sezzjoni facli ghax anzi hija sezzjoni tahraq hafna fejn ghandek kuntatti kontinwi mac-chairman, mal-pubbliku u ma` diversi sezzjonijiet ohra fuq decizjonijiet ferm importanti.

Niftakar il-kaz ta` Josianne Zammit li kienet saret executive officer u li din kienet fil-fatt taghmel ix-xoghol tat-typing tar-rikorrenti dak iz-zmien. Ir-rikorrenti kellu grad ta` clerk 1 u dik li taghmillu t-typing gja kienet saret executive officer…"

Illi fil-25 ta' Ottubru 2001 saret referenza ghas-sentenza fl-ismijiet Nathalie Attard vs Maltacom p.l.c. deciza fl-24 ta' Ottubru 2001.

Fil-kawza fl-ismijiet Nathalie Attard vs Maltacom deciza minn dan it-Tribunal fl-24 ta' Ottubru, 2001, it-Tribunal qal:

"Illi ghalhekk biex jasal ghall-konkluzzjoni dwar jekk saritx ingustizzja mar-rikorrenti mill-Maltacom, dan it-Tribunal irid f'dan il-kaz l-ewwel jara jekk sarux ingustizzji fl-ghoti tal-promozzjonijiet u wara jara jekk ir-rikorrenti haqqix l-ghoti tal-promozzjoni.

Fl-analisi ta' dak li sar irrizulta li:

l-artiklu 15 tal-Ftehim Kollettiv ghas-snin 1/10/86 sat-30/9/89 jghid "In the making of promotions and/or in the filling of vacancies, the Corporation considers the requirements of the job and the merit, qualifications, aptitude, experience and seniority of those being considered for promotion or the filling of vacancies. Fil-fatt is-Selection Board ma mexiex ezatt skond il-kriterji stabbiliti f'dan il-ftehim ghax ghalkemm seniority, experience, u qualifications huma imsemmija specifikament fil-ftehim kollettiv, zdiedu personality, other sections u general knowledge, waqt li thallew barra **merit** u **aptitude.** L-aktar li hu preokkupanti huwa li dawn jidhru jaghtu wisq importanza lil elementi suggettivi u mhux tant dawk oggettivi bhal seniority u kwalifiki.

Is-selection Board halla tibdil tan-nomenklatura kif imsemmi wkoll mill-Bord ta' l-Appelli dwar Promozzjonijiet;

Irrizulta li diversi haddiema li mhux suppost inghatw marki jew mhux daqshekk hadu marki; diversi haddiema li ma kellhomx kwalifiki inghataw punti fil-qasam tal-kwalifiki.

L-allokazzjoni tal-marki ta' hafna haddiema fil-qasam ta' esperjenza huwa manifestament zbaljat;

il-komputazzjoni tal-marki ta' xi whud hija zbaljata;

ir-rizultati ma gewx ippublikati xhur wara li hargu. Wara zmien l-impjegati setghu jaraw biss il-marka totali taghhom, u xi sena u nofs ilu dawn il-marki kienu tpoggew ghad-dispozizzjoni tal-haddiema tat-Telemalta;

il-personal files tal-applikanti ma gewx ezaminati;

Illi ghalhekk jirrizulta bl-aktar mod car li saru kwantita' kbira ta' irregolaritajiet fl-ghoti tal-promozzjonijiet. B'hekk diversi nies li ma kiex haqqhom jigu moghtija promozzjoni inghataw l-istess promozzjoni. Certament it-Tribunal mhux qieghed jezamina l-aspett tal-ingustizzji b'mod li jindahal f'min gja ha promozzjoni meta mhux suppost ghax dwar dan ma jista' jaghmel xejn, izda ghandu l-obbligu li jipprova jaghmel l-ahjar tieghu biex jirrimedja l-ingustizzji li saru. Dan spiss hu ferm difficli.

Biex tigi mnaqqsa din l-ingustizzja manifesta hemm bzonn li dan it-Tribunal jalloka xi marki ohra fejn ikun il-kaz u b'hekk minn gie ingustament imholli barra ikun jista' jibbenefika mill-process odjern. Biex dan isir u kemm jista' jkun b'mod oggettiv l-allokazzjoni tal-marki trid tigi modifikati li l-kriterju oggettiv dwar seniority [snin ta' servizz] jinhadem fuq bazi ta' 20 marka, u Kwalifiki fuq bazi ta' 40 marka u b'hekk il-kwalifiki oggettivi ikollhom 60%. Experience tinzel ghal 15, Personality 15, Other Sections 5, u General Knowledge 5. Dan l-esercizzju jrid isir mit-Tribunal biss fil-kaz ta' min applika. Ghalkemm it-Tribunal mhux sejjer imiss il-marki, hlief ghal kif

inghad, fil-kriterji ta' other sections, u general knowledge, jekk ikun il-kaz irid jara jekk il-marka dwar personality hijiex gusta.

Ukoll ir-rikorrenti jridu mhux biss li ssirilhom formula matematika li biha l-marki allokati jigu sostitwiti; izda fejn pruvat li saru zbalji dawn il-marki jridu l-ewwel jigu modifikati b'mod li jekk dawk li hadu l-promozzjonijiet inghataw ghall-istess kwalifiki bhar-rikorrent 10 marki, bl-istess mod irid li r-rikorrent jinghata dawn il-marki.

Fl-ahhar nett jigi rilevat li biex persuna tiehu l-promozzjoni ma kienx sufficjenti li jghaddi izda ried jidhol fil-cut-off section tal-promozzjonijiet. Hawn ukoll trid issir kunsiderazzjoni ohra; kawza ta' dak li sar numru ta' nies [xi terz ta' dawk li saru] u li hadu l-promozzjoni ma kienux johduha b'mod li l-cut-off irid jizdied b'terz."

**Konsiderazzjonijiet dwar ir-rikorrent:**

Xehedu Tony Lia, Carmel Zammit u Ivan Calamatta u dawn qalu li r-rikorrent kien efficjenti fuq xogholu, li dejjem qeda dmiru sewwa u li ma kellhom xejn hazin xi jghidu fuqu. Tony Lia zied jghid li kien jinkarigah mis-sezzjoni fl-assenza tieghu u Carmel Zammit head tar-rikorrent qal li hu u r-rikorrent kienu jaqsmu x-xoghol flimkien.

**Konsiderazzjonijiet finali:**

Ghalhekk ir-rikorrent applika ghal A.A u gab 48 marka, u ghal A.O. u gab 38. Intqal li Frankie Mercieca gie impjegat mal-kumpanija u

gab ghal AO 5, 23, 8, 19, 9, u 9 total 73; u li ghal AA 5, 25, 8, 19, 9, u 10 total 76.

B'dak li intqal fuq il-marki tar-rikorrent ghandhom jigu revizi b'dan il-mod ghal AO u ghal AA:

Dwar *years of service* ir-rikorrent inghata 10/10; bil-formula gdida jrid jinghata 20/20;
Dwar *experience* ir-rikorrent inghata 10/20 meta l-marki li nghataw ghal nies ta' 5 snin servizz kienu bejn 7 sa 23; it-Tribunal ma jhossx li ghandu jvarja din il-marka hlief li bil-formula hawn fuq imsemmija din ssir 6/12;
Dwar *kwalifiki* r-rikorrent inghata 0/0; meta Mercieca li ma kellux kwalifiki inghata 8. Ghalhekk il-marka tar-rikorrent kellha tizdied b' 8/8; bil-formula gdida tasal 13/13;
Dwar *personality* ir-rikorrent inghata 8/8; u ghalhekk bil-formola fuq imsemmija ssir 6/6;
Dwar *Other Sections* ir-rikorrent inghata 6/6 meta Mercieca u Mallia inghataw 9 u kienu f'sections anqas, u Kelly li kien dejjem fix-Xandir inghata 9; ghalhekk il-marka messha kienet 10/10; il-marka l-gdida trid taqra 5/5;
Dwar *General Knowledge* ir-rikorrent inghata 4/4; bil-formola l-gdida jigu 2/2;
Dan itella' t-total tal-marki tar-rikorrenti ghal 52 ghal AO u 58 ghal AA.

Il-cut-off line ghal AO kien il-21 post b'67 marka waqt li ghal AA kien 32 bi 64 marka. Skond dak li intqal fuq dwar it-terz li jrid

jizdied il-cut-off marks iridu jsiru ghal AO it-28 post u cioe' 65 marka waqt li ghal AA 43 u cioe` 60 marka. F' dan il-kaz ir-rikorrent anqas bis-sistema ta' kif hadem it-Tribunal ma jasal ghal marka li twasslu ghal promozzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` intimata dwar il-promozzjonijiet.

Minhabba n-natura tal-kaz spejjez bla taxxa.